# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **541/2018**

**BERTRAND MAGRO**
[K.I. NRU. 36870M]

***VERSUS***

**JOE CARUANA CURRAN U RITA AZZOPARDI RISPETTIVAMENT FIL-KAPACITÀ TAGHHOM BHALA PRESIDENT U SEGRETARJU GENERALI TAL-AQUATIC SPORTS ASSOCIATION OF MALTA**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-22 ta' Novembru, 2018 mill-attur li permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti fil-kapacità fuq premessa jhallsuh l-ammont ta' elf, tmienja u sittin ewro u tnejn u tletin ewro centezmi (€1,068.32c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar u prezz ta' xoghol fuq medalji u oggetti ohra maghmula u konsenjati lill-assocjazzjoni konvenuta fuq inkarigu taghha stess, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attur talab ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni u kif ukoll l-imghaxxijiet legali sal-hlas effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti fil-kapacità fuq premessa naqsu milli jipprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal ta’ nhar it-Tlieta, 5 ta’ Marzu, 2019, id-difensur ta’ l-attur gharrfet lit-Tribunal hekk kif gej: “*Dr. Victoria Cuschieri ghall-Attur tirrileva illi fil-mori tad-differiment, l-Attur ircieva hlas tas-sorte permezz ta' cheque BOV numru 2235 datat 26 ta' Frar, 2019 fl-ammot ta' EUR1068.32. Dr. Victoria Cuschieri tirrileva illi l-Attur ser ikun qed jaccetta tali hlas izda mhux ghas-saldu jew in full and final settlement stante illi hemm il-kap tal-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' atti gudizzjarji ohra marbuta mal-prezenti proceduri illi ghad iridu jigu indennizzati mill-Konvenuti lill-Attur u ghaldaqstant, f'dan ir-rigward, Dr. Victoria Cuschieri tirrizerva l-pozizzjoni taghha*” (ara *a fol*. 16). Dakinhar il-procediment kien thalla ghal data ohra ghax, hekk kif registrat fil-verbal ta’ l-istess udjenza, ghalkemm entrambi l-konvenuti kienu gew notifikati, kien ghadu ghaddej it-terminu relattiv sabiex l-istess konvenuti jwiegbu ghall-pretiza attrici.

Fl-udjenza sussegwenti, dik tat-30 ta’ April, 2019, id-difensur ta’ l-attur infurmat lit-Tribunal li, “*s-sitwazzjoni deskritta fil-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2019 (fol.16) baqghet ma nbidlitx, ossija li l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' atti gudizzjarji ohra marbuta maghhom ghadhom ma gewx issaldati mill-Konvenuti*” (*a fol*. 19). Fl-istess udjenza, il-konvenuti fil-kapacità fuq premessa – peress li baqghu ma prezentawx risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deheru ghall-udjenza – gew dikjarati fi stat ta’ kontumacja. In vista ta’ hekk, id-difensur ta’ l-attur talbet li it-Tribunal jghaddi ghad-decizjoni fuq il-kap ta’ l-ispejjez u ta’ l-imghaxxijiet.

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Is-sitwazzjoni prezentata fil-prezenti vertenza hija li l-konvenuti – ghalkemm debitament notifikati (ara *a tergo* ta’ *fol*. 15) – ghazlu li ma jikkontestawx il-kawza b’mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 u ghaldaqstant waqghu fi stat ta’ kontumacja hekk kif puntwalizzat fl-udjenza tat-30 ta’ April, 2018.

Bil-fatt li l-konvenuti ssaldaw l-ammont ta’ elf, tmienja u sittin ewro u tnejn u tletin ewro centezmi (€1,068.32c), li jirraprezenta s-sorte mitlub minnhom mill-attur (f’dan is-sens ara d-dokumenti *a foll*. 18 u *a tergo* ta’ l-istess *fol*.), l-istess gew illi implicitament ikkonfessaw li huma, fil-kapacità premessa, kienu debituri ta’ l-attur. Kif asserit fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, “*Kull ħlas jissoponi dejn*” u, allura, tali pagament ta’ €1,068.32c imwettaq mill-konvenuti huwa, intrinsikament, manifestazzjoni ta’ l-ammissjoni tad-dejn li huma kellhom ma’ l-attur kreditur.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni implicita taghti lok li l-ispejjez gudizzjarji ta’ dawn il-proceduri ikunu attribwiti lill-konvenuti. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenuti tad-dejn originali, huma attiraw lejhom l-obbligu accessorju li jindennizzaw

wkoll kwalsiasi spejjez li dahal fihom l-attur kreditur ghall-irkupru tad-dejn/kreditu originali.

Ghalkemm il-hlas tas-sorte da parti tal-konvenuti lill-attur sehh, kif minnhom indikat fl-ittra datata 26 ta' Frar, 2019, "*in full and final settlement*" (ara *a fol*. 18), l-accettazzjoni relattiva da parti tal-attur kienet minn dejjem kwalifikata fis-sens imfisser fil-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2019 kif indikat *supra*.  Ghalhekk, tali accettazzjoni ma tistax tekwivali ghal rinunzja ta' l-attur li jirkupra l-ispejjez u l-interessi.  Kien ikun mod iehor li kieku l-attur qabad u accetta l-hlas bla ma rrizerva l-posizzjoni tieghu, ghax tali atteggjament kien ikun ifisser li hu baxxa rasu, jew akkwijixxa, ghal dak unilateralment dikjarat, jew impost, mid-debitur tieghu, ossia li l-pagament relattiv kien qed isehh ghas-saldu.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jilqa' t-talba attrici kif imfisser *supra*, ossia limitatament ghal dak li jirrigwarda l-interessi u l-kap ta' l-ispejjez tal-prezenti proceduri.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq imfissra u konsistentement maghhom, filwaqt li jastjeni milli jippronunzja ruhu dwar is-sorte fl-ammont ta' elf, tmienja u sittin ewro u tnejn u tletin ewro centezmi (€1,068.32c), peress li dan l-ammont gie mhallas mill-konvenuti (fil-kawalità taghhom deskritta aktar kmieni) fil-mori tal-proceduri odjerni kif deskritt f'din id-decizjoni, jikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu u jindennizzaw lill-attur l-ispejjez gudizzjarji kollha marbuta ma' dawn il-proceduri, bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq l-ammont ta' €1,068.32c dekorribbli mill-23 ta' Marzu, 2016 (li hi d-data tal-fattura *a fol.* 3) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*